**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras**
**Spettur Shawn Pawney)**

**vs**

**Christopher Scerri**

**Kumpilazzjoni 724/2018**

**Illum tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Scerri ta' erbghin (40) sena, iben Ronald Scerri u Grace Scerri nee Micallef, imwieled Tal-Pieta, fil-hdax (11) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tmienja u sebghin (1978) u residenti "Ta' Pascarella", Flat 2, Blokka A, Triq l-

Imdina, Hal-Qormi, Malta detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 419778(M) fejn gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-hamsa nieqes hamsa ta' filghaxija u/jew f'hinijiet ohra, minn fond numru 17, li jinsab fi Triq Santa Rita, Tas-Sliema,u/jew f'dawn il-gzejjer Maltin :

1. Bil-hsieb li jwettaq id-delitt tas-serq, wera dan, b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz, u bil-valur li jeccedi il-€232.94, imma mhux l-€2329.37, u dan ghad-dannu ta' Concetta Hare ID:638533M u/jew persuni ohra, bi ksur tal-Artikoli 261(b,c,e), 263 (a), 267 u 269(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati Maltin;

3. Akkuzat ukoll talli b'hekk, kiser wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet ghall-helsien mill-arrest, akkardati lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Josette Demicoli L.L.D nhar it-3 ta' Novemru 2014, liema kundizzjonijiet kienu moghtija lilu kontra depozitu ta'

€23,000 u garanzija personali ta' €53,000[1] u anke mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit L.L.D nhar is-6 ta' Settembru 2010, liema kundizzjonijiet kienu moghotija lilu kontra depozitu ta' €1,000 u garanzija personali ta'€15,000 u anke mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), hekk kif preseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D nhar is-26 ta' Lulju 2010, liema kundizzjonijiet kienu moghtija lilu kontra garanzija personali ta' €5,000 u dan bi ksur tal-artikolu 579 et sequitur tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz illi tinstab htija, flimkien mal-piena skont il-Ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Christopher Scerri inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li l-ammont ta' €97,000 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, hekk kif mahsub fl-artikolu 579 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat illi l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 23)

Semghet ix-xhieda prodotti.

---

[1] Il-garanzija personali (eskluz id-depositu) fid-digiet tal-Magistrat Dr Josette Demicoli kienet ta' tletin elf ewro (€ 30,000) u mhux ta' tlieta u hamsin elf ewro (€ 53,000). L-ammont ta' tlieta u hamsin elf ewro (€ 53,000) kien it-total tad-depositu u l-garanzija personali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizijaipprezentata fis-6 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 186 et *seq.*) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Christopher Scerri prezentata fil-31 ta' Mejju 2019 (*a fol. 190 et seq.*) kif wkoll semghet it-trattazzjoni verbali tal-difensur tal-imputat fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Lulju 2019, liema trattazzjoni giet wkoll transkritta (Fol 220 et seq).

**RIJASSUNT TAX-XHIEDA**

**L-Ispettur Shawn Pawney** (Fol. 32 et seq) xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2018 dahal rapport fl-ghassa ta' Tas-Sliema in konnessjoni ma' kaz ta' serq li kien sehh fil-hamsa ta' filghaxija (17.00hrs). L-attentat kien sar mid-dar ta' residenza tas-sinjura Concetta Hare waqt li din kienet ghall-quddiesa. Minn stharrig li kienu ghamlu l-Pulizija li marru fuq il-post irrizulta li kien hemm hafna taqlib fid-dar tar-residenza ta' Hare. Sussegwentement imbaghad gie stabbilit li ma kien insteraq xejn.

L-Ispettur kompla jispjega li l-Pulizija tkellmu ma' Martin Vella u Saviour Azzopardi girien tal-vittma fejn dawn stqarrew mal-Pulizija li waqt li kienu qeghdin jitkellmu fuq barra lemhu zewgt irgiel daqsxejn qawwijin li wiehed minnhom kien liebes flokk ahmar. Dawn imxew mid-direzzjoni tar-residenza lejn id-direzzjoni tax-Xatt. L-Ispettur spjega wkoll li ma kienx hemm hrug iehor hlief dak li jwassal ghax-Xatt. Martin Vella kien qal wkoll lill-Pulizija li kien ra lil dawn iz-zewg persuni sejrin fid-direzzjoni tax-Xatt.

Il-Pulizija tad-distrett wkoll kellmu lil Neil Hamza li joqghod fl-akkwati u li saghtejn qabel sehh il-kaz kien innota persuna liebsa flokk ahmar gewwa Volkswagen Golf li kienet parkeggjata tlett (3) bibien 'l isfel mir-residenza ta' Hare.

Minn ezami tas-CCTVs ta' stabbiliment tal-hwejjeg, il-Pulizija waslu sabiex identifikaw lill-imputat Christopher Scerri. L-imputat kien ukoll deher jitlajja fl-inhawi qabel ma deher miexi fid-direzzjoni tax-Xatt wara li kienet sehhet is-serqa.

L-Ispettur zied jghid wkoll li saret tfittxija fir-residenza tal-imputat minn fejn gew elevati flokk hamrani, zarbun, beritta u anke tlett (3) volumi tar-Registri Elettorali wiehed minnhom wkoll tal-ghaxar (10) Distrett li tinkludi Ta' Sliema. Fil-kors tal-investigazzjoni l-imputat kien ittiehed fit-triq fejn kien sehh il-kaz. Izda huwa ma kkooperax mal-Pulizija u lanqas ma wiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu mill-Pulizija.

**In kontro-ezami**, l-Ispettur spjega li c-CCTVs kienu qeghdin 80 u 90 metru boghod mir-residenza fejn kien sehh l-attentat ta' serq. ID parade ma kinitx saret peress li l-persuna kien gie identifikat mill-hwejjeg u mhux mill-wicc. Zied jghid li l-Pulizija kienet identifikat lill-imputat ghaliex kien l-unika persuna bid-deskrizzjoni moghtija li ghadda mill-inhawi fit-time-frame li kienet sehhet is-serqa. Dan anke wara li l-Pulizija kienet tkellmet max-xhud Martin Vella. Ikkonferma wkoll li l-flokk ahmar li kien identifika x-xhud Martin Vella kien instab fir-residenza ta' Scerri. L-identifikazzjoni saret abbazi taz-zewg kameras tal-istabbiliment tal-

hwejjeg Dorothy Perkins. L-Ispettur ghamilha cara li l-mod ta' kif kienu l-kameras ma setghux jigu evitati.

**L-Ispettur Mario Xiberras** (Fol. 62 et seq) xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2018 kien sar rapport fl-ghassa ta' Tas-Sliema minn certa Concetta Hare li xi nies kienu dahlu fir-residenza taghha. In konnessjoni ma' dan ir-rapport kien gie arrestat Christopher Scerri, li x-xhud gharaf bhala l-imputat fl-awla. Scerri ma wegibx ghall-mistoqsijiet li sarulu. Scerri kien gie identifikat mis-CCTVs. Dakinhar li sehh il-kaz Scerri kien liebes flokk ahmar, liema flokk kien instab fir-residenza ta' Scerri f'Hal Qormi. L-Ispettur ipprezenta wkoll tlett (3) sentenzi u tlett (3) digrieti koncernanti l-imputat.

**In kontro-ezami**, ix-xhud indika li huwa ma kienx involut fl-investigazzjoni li saret fejn gie mitkellem ix-xhud Martin Vella.

**Martin Vella** (Fol. 98 et seq) xehed li huwa kien qieghed fejn ir-residenza tal-gara tieghu Connie jitkellem ma' ġar iehor tieghu Saviour Azzopardi. Waqt li kienu qeghdin jitkellmu, Azzopardi qallu li kienet issabtet il-grada ta' Connie. Vella spjega li kien ra tnejn min-nies hergin mexjin b'mod normali. Huwa kien mar jittawwal fejn il-bieb tar-residenza ta' Connie u ghajtilha. Hija ma wegbitx u f'dak il-punt induna li l-bieb kien sgassat. Ix-xhud kompla jghid li hu kien ra liz-zewg persuni minn wara u li ma kienx ra lil wicchom. Pero' wiehed minnhom kien liebes flokk ahmar u kien fih ragel.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud ikkonferma li x'hin sema' l-grada tissabbat, huwa kien qieghed jitkellem mal-gar. Ma kien ra lil hadd diehel fir-residenza ta' Connie u lanqas ma kien ra moviment suspettuzi. Ix-xhud kompla jghid li huwa ra lil dawn iz-zewg persuni hergin b'mod normali. Tal-flokk ahmar kien qieghed jghatti lir-ragel l-iehor. F'idejhom ma kellhom xejn. Ikkonferma wkoll li kien ra sgass fil-bieb ta' Hare u kien ghalhekk li cemplu lill-Pulizija.

**<u>Maria Concetta Hare</u>** (Fol. 107 et seq) xehdet li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2018 harget mir-residenza biex tmur ghall-quddies fil-hamsa ta' wara nofsinhar (17.00hrs). Waqt li kienet ghadha miexja sejra l-quddies marret wahda mara fuqha u qaltilha li kienet halliet il-bieb miftuh. Hare insistiet maghha li kienet sakkret il-bieb. Hija marret lura d-dar u sabet il-bieb imkisser u kullimkien imqalleb. Ghalkemm kellha affarijiet ta' valur ma sabet xejn nieqes. Hija kompliet tghid li x'hin kienet harget mid-dar kollox kien qieghed f'postu.

**<u>In kontro-ezami</u>** Hare sostniet li x'hin marret lura d-dar hija sabet il-bieb berah. Minn x'hin kellmitha l-mara li qaltilha li kellha l-bieb miftuh sa x'hin marret lura d-dar ma kinux ghaddew aktar minn hames (5) minuti. Temmet tghid li hadd mill-girien ma kien kellimha.

**<u>Saviour Azzopardi</u>** (Fol. 114 et seq) xehed li b'referenza ghal dan il-kaz huwa kien cempel lill-Pulizija. Spjega li kien qed jitkellem ma' Martin Vella u f'daqqa wahda sema' l-grada tinstabat tar-residenza ta' Hare. Fil-pront hares u ra tnejn min-nies hergin u nizlu fid-direzzjoni tax-Xatt. Hu u Martin marru fejn il-bieb tar-residenza ta' Hare. Raw is-serratura

mifqugha. Ghajtu lil Hare u din ma wegbitx. Kompla jghid li Martin nizel jara fid-direzzjoni fejn kienu marru t-tnejn min-nies u hu cempel lill-Pulizija. Kompla jghid li wicc dawn il-persuni huwa ma kienx rahom. Pero wiehed minnhom kien liebes flokk ahmar.

__**In kontro-ezami**__, x-xhud spjega li huwa u Martin kienu xi erba' bibien 'l boghod x'hin semghu l-grada tissabbat. Lill-irgiel ma rajhomx hergin mill-grada. X'hin marru fejn id-dar il-bieb kien miftuh. Ghalkemm ghajjat lil Connie din ma wegbitx. Hi giet aktar tard u waslu wkoll il-Pulizija.

__**PS 90 Jeffrey Gerada**__ (Fol. 127 et seq) xehed li huwa kien assista lill-Ispetturi Mario Xiberras u Shawn Pawney in konnessjoni ma' attenat ta' serq li kien saret fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2018. Minn ezami tas-CCTVs kien gie identifikat Christopher Scerri u dan anke mill-hwejjeg li kien liebes. Kompla jghid li Scerri kien gie arrestat u minn tfittxija li kienet saret fir-residenza tieghu kienu gew elevati flokk roza fl-ahmar li kien jixbah lil dak li deher fil-filmat kif wkoll tlett registri elettorali fosthom dak ta' Tas-Sliema. Kompla jghid li minn saqajn l-imputat kienu elevaw wkoll slip on ta' lewn ahdar u anke par ingwanti tas-suf, beritta sewda u mobile phone. Ix-xhud spjega wkoll li waqt il-hin tal-arrest kienu hadu lil Christopher Scerri fil-post tal-attentat ta' serq u saqsewh jekk kienx ghadda minn hemmhekk jew inkella dahal fir-residenza. Scerri pero ma wegibx ghalkemm f'hin minnhom qal li gieli jinzel ta' Sliema jixrob.

**PS 430 Andrew St John** (Fol. 132 et seq) xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2018 kien dahal rapport dwar serqa mir-residenza 17, Triq Santa Rita, Sliema. Ghalkemm fid-dar kien hemm taqlib shih, irrizulta li ma kien insteraq xejn ghar-raguni li l-flus li kien hemm kienu spiccaw indifnu qalb it-taqlib stess. Kompla jghid li mill-investigazzjonijiet li kienu ghamlu, zewg girien li kienu qeghdin jitkellmu kienu semghu l-grada tinghalaq u fil-pront raw zewg irgiel hergin mill-fond numru 17, Triq Santa Rita u jinzlu lejn il-front. Dawn ix-xhieda taw deskrizzjoni ta' dawn it-tnejn min-nies. Wiehed minnhom kien liebes flokk ikangi bejn il-peach u l-ahmar. Peress li kienu jafu li s-sinjura toqghod wehidha, wiehed minnhom nizel fejn il-grada u seta' jara l-bieb imbexxaq. Ghajjat lis-sinjura Hare. Il-bieb seta' jinnota li kellu xi hsara fih. Minn hemm huwa baqa' miexi wara dawn iz-zewg persuni li kisru ghan-naha tal-lemin tal-front. Zied jghid wkoll li l-Pulizija gabru ghadd ta' filmati tal-akkwati, partikolarment camera li kienet qeghda ma' side door ta' stabbiliment tal-hwejjeg u li kienet imbeghda bejn hamsin u sittin pied mid-dar ta' residenza tal-vittma li kienet persuna anzjana. Mill-filmati u mid-deskrizzjonijiet moghtija lill-Pulizija mix-xhieda, il-Pulizija waslu sabiex identifikaw lil Christopher Scerri. Spjega li meta kien gie arrestat Scerri, kienu haduh fil-post numru 17, Triq Santa Rita biex jara jidentifikax il-post. Izda hu ma kien wiegeb xejn. Waqt tfittxija li saret fil-kamra tal-imputat kienu instabu flokk simili ghal dak li kien jidher fil-filmati, zarbun li kien jidher fil-filmati u tlett kopji tar-registri elettorali.

**Dr Marisa Mifsud** (Fol. 145) ipprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija ta' Christopher Scerri stante li din kienet ittiehdet bis-sistema awdjo-viziva. Scerri ma kien wiegeb ghall-ebda mistoqsija li kienet saritlu.

**PS 1268 Ivan Caruana** xehed li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-hamsa u nofs neqsin hamsa ta' filghaxija kien dahal rapport dwar serqa li kienet sehhet minn gor-residenza bin-numru 17, fi Triq Santa Rita, Sliema. Huwa kien mar fuq il-post fejn sab lill-vittma Maria Concetta Hare fi stat ta' paniku. Hija qaltlu li kienet marret il-quddies tal-hamsa ta' filghaxija u waqt li kienet fil-Knisja kienu gew qalulha li kienu raw tnejn min-nies hergin mid-dar taghha. Hi marret lura f'darha u x'hin fethet il-bieb sabet hafna taqlib. Mill-investigazzjoni li saret ma kien instab xejn nieqes mill-post. Ix-xhud kompla jghid li huwa kien ha l-verzjoni ta' Martin Vella kif wkoll dik ta' Salvatore Azzopardi. Vella kien qallu li kien ra zewg persuni hergin mir-residenza ta' Hare. Huwa iddeskriva dawn il-persuni bhala mibnija u li wiehed minnhom kellu flokk ahmar. Dawn rahom jigru fid-direzzjoni tax-Xatt. Salvatore Azzopardi kien indikalu li kien ra vettura suspettuza pero ma gharafx jaghti aktar dettalji.

**Dr Joseph Vella Baldacchino** (Fol. 164 et seq) xehed biss in konnessjoni mat-talba tal-helsien mill-arrest tal-imputat.

**L-Ispettur Keith Arnaud** (Fol. 176 et seq) ikkonferma l-kundizzjonijiet tal-bail li kien inghata Christopher Scerri fi proceduri ohra fejn huwa l-ufficjal prosekutur u li tali kundizzjonijiet kienu ghadhom applikabbli.

**L-Ispettur Saviour Baldacchino** (Fol 160 et seq) ikkonferma wkoll l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija fil-konfront tal-imputat Christopher Scerri fi proceduri ohra li ghadhom ghaddejjin quddiem din

il-Qorti diversament preseduta. Ikkonferma wkoll li l-kundizzjonijiet kienu ghadhom in vigore.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

**Il-fattispecie tal-kaz**

Il-fattispecie tal-kaz odjern fil-qosor huma kif gej: Maria Concetta Hare ħarget mir-residenza taghha f'numru 17, Triq Santa Rita, Sliema biex tmur ghall-quddies fil-Knisja tan-Nazzarenu. Sakemm kienet barra, zewg persuni dahlu fir-residenza taghha. Hadd ma rahom dehlin f'din ir-residenza. Pero' wiehed mill-girien ta' Hare, Saviour Azzopardi, li kien qieghed barra fit-triq jitkellem ma' gar iehor Martin Vella, sema' grada tissabbat u ftit wara hu u Vella raw zewg irgiel hergin mir-residenza ta' Hare u jinzlu 'l isfel fid-direzzjoni tax-Xatt tas-Sliema. Ghalkemm dawn il-girien ma rawx dawn il-persuni minn wicchom, huma ddeskrivewhom bhala li kienu t-tnejn mibnija u li wiehed minnhom kien liebes flokk ahmar. Martin Vella mar quddiem ir-residenza ta' Hare u ghajtilha izda din ma wegbitx. Huwa imbaghad innota l-bieb ta' barra sgassat. Huwa mar jimxi fl-istess direzzjoni fejn kienu imxew dawn l-irgiel u Azzopardi cempel lill-Pulizija. Mid-dar ta' Hare ma nsteraq xejn peress li l-flus li kellha waqqghuhom il-persuni li dahlu fir-residenza taghha u ma instabux. Mill-filmati tas-CCTV, il-Pulizija waslet sabiex identifikat lil Christopher Scerri. Minn tfittxija li saret fir-residenza tieghu gew elevati fost affarijiet ohra registru elettorali ta' Tas-Sliema kif wkoll flokk ahmar li kien identiku ghall-flokk li kien liebes Scerri x'hin deher fuq il-filmati tas-CCTV.

**Il-Prova Cirkustanzjali**

Kif kellha l-opportunita din il-Qorti tesprimi kemm -il darba l-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-ahjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat bir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Hafna drabi ma jkunx possibbli li jingabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'ghandux necessarjament iwassal ghal liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali ghall-sejbien ta' htija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni wahda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-provi cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[2] Hafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-ahjar prova li wiehed jista' jottjeni ghaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-agir tieghu. Ghalhekk kif jghid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tigi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wiehed

[2] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

ikun jista' jistrieh fuqha ghal sejbien ta' htija. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkumenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[3]

**L-Imputazzjoni tal-Attentat ta' Serq**

L-ewwel imputazzjoni li qieghda tigi addebitata lill-imputat hija dik tal-attentat ta' serq mid-dar tar-residenza tal-vittma Maria Concetta Hare. Il-kaz kollu jdur fuq din l-akkuza. Dan ghaliex iz-zewg imputazzjonijiet l-

[3] [1952] A.C. 480, PC at 489

ohra u cioe' tar-ricediva u tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest jistriehu fuq is-sejbien ta' htija o meno ta' din l-imputazzjoni.

Wara li semghet ix-xhieda jixhdu quddiemha u wara li ezaminat fid-dettal il-provi imressqa, din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kien wara dan l-attenat ta' serq mid-dar ta' residenza ta' Hare flimkien ma' persuna ohra li sa issa ghadu ma giex identifikat. Il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda dubju fuq l-identifikazzjoni tal-imputat Christopher Scerri bhala wiehed miz-zewg persuni li deher hiereg mir-residenza ta' Hare u dan ftit qabel ma' Hare regghet lura lejn ir-residenza taghha u sabet kullimkien imqalleb. Dan meta x'hin kienet harget ftit tal-minuti aktar qabel sabiex tmur il-quddies kienet halliet kollox fl-ordni.

Ghalkemm Martin Vella u Saviour Azzopardi ma rawx lil Scerri wicc imb'wicc huwa u hiereg mir-residenza ta' Hare, id-deskrizzjoni li taw dawn ix-xhieda kienet taqbel ma' dik ta' Christopher Scerri li ghadda minn Triq Santa Rita fid-direzzjoni tax-Xatt fl-istess hin li kien sehh il-kaz. Kif jixhed l-Ispettur Shawn Pawney in kontro-ezami huwa wasal sabiex identifika lill-imputat ***"ghax kien l-unika persuna b'dik id-deskrizzjoni f'dak it-time frame li nizel minn dik id-direzzjoni."***[4] Il-Pulizija esebiet kemm ic-CCTV footages attwali kif wkoll stills mehuda mill-istess CCTVs. Il-kameras tal-istabbiliment Dorothy Perkins li kienu strumentali biex gie solvut in parti dan il-kaz kienu qeghdin b'mod li l-ewwel iffilmjat lil Scerri minn wara u imbaghad minn quddiem. Kif jispjega l-Ispettur Pawney b'riferenza ghal dawn il-kameras ***"Hemm wahda minnhom***

[4] Fol. 35 tal-process.

***tkopri l-parti fejn inti niezel 'l isfel kif ghidtlek madwar ghaxar (10) metri 'l isfel hemm camera ohra li taqbdek inti u hiereg mit-triq, jigifieri persuna, l-istess persuna liebsa dan il-flokk ahmar bl-istess vizicita u l-istess kollox tidher l-ewwel niezla u imbaghad hierga mit-triq u ma hemmx persuni ohra li jiffitjaw dik id-diskrezzjoni."*** [5] Apparti minn hekk irrizulta wkoll mill-provi li fid-direzzjoni li hadu dawn iz-zewgt irgiel wara li hargu mid-dar tar-residenza ta' Hare, l-unika post minn fejn setghu jghaddu kien propju magenb l-istabbiliment ta' Dorothy Perkins ghax f'dik in-naha it-triq ma kellha l-ebda hrug iehor. Kif ikompli jixhed l-istess Spettur Pawney in kontro-ezami Scerri ma setax m'ghaddiex ***"minn quddiem is-CCTV ghax kienet l-unika dhul u hrug ghat-triq, ma kienx hemm access iehor ghat-triq."*** [6] Il-Qorti tqis li din hija prova cirkustanzjali b'sahhitha hafna li tipponta biss ghall-konkluzjoni wahda: li Scerri kien wiehed miz-zewgt irgiel li dahal fid-dar ta' Hare bil-hsieb li jisraq tant li d-dar ta' Hare spiccat imqallba ta' taht fuq. Pero apparti dan l-element krucjali, hemm aktar elementi li jkomplu jindikaw lejn il-htija ta' Scerri:

(i) il-flokk li kien liebes Scerri dakinkar li sehh il-kaz instab mill-Pulizija waqt it-tfittxija li saret fir-residenza ta' Scerri u l-istess flokk gie identifikat miz-zewg girien li kienu qeghdin barra meta raw iz-zewgt rgiel hergin u li xehdu f'dawn il-proceduri;

(ii) ix-xhud Martin Vella jghid li wara li mar jiccekkja r-residenza ta' Hare, huwa segwa liz-zewgt rgiel li imxew lejn id-direzzjoni tax-

[5] Fol. 38 tal-process.
[6] Fol. 37 tal-process.

Xatt u fil-fatt l-istess Vella gie jidher fuq l-istess filmati. Infatti Vella gharaf wkoll lilu inniffsu fuq il-filmati tas-CCTV waqt li kien qieghed jaghti d-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti;

(iii) immedjatament hekk kif iz-zewg xhieda kienu raw liz-zewgt rgiel hergin mir-residenza ta' Hare u marru jiccekkjaw l-istess residenza, sabu l-bieb sgassat. Hadd minnhom ma dahal gewwa fir-residenza izda cempel ghall-Pulizija. Fuq gewwa mbaghad il-Pulizija stabbiliet li kien hemm hafna taqlib;

(iv) Il-vittma minn naha taghha tinsisti li hija kienet dawret is-serratura tlett darbiet u ma kinitx halliet taqlib fid-dar taghha. Barra minn hekk l-istess vittma kienet ilha biss ftit minuti li harget minn darha sabiex tmur il-quddies u ma damitx aktar minn hames minuti biex irritornat lura d-dar wara li qalulha li kien hemm il-bieb miftuh;

(v) Fir-residenza ta' Scerri nstabu wkoll diversi registri elettorali fosthom dak ta' Tas-Sliema. Mir-Registru Elettorali wiehed jista' jottjeni informazzjoni kemm dwar l-eta tal-persuna billi jikkalkula min-numru tal-karta tal-identita tal-persuna kif wkoll jistabilixxi jekk dik il-persuna tkunx qed toqghod wehidha jew le f'dik ir-residenza;

(vi) Meta Scerri gie arrestat huwa kellu wkoll f'saqajh zarbun li kien identiku ghal dak li kien jidher fil-filmati;

Mill-provi rrizulta wkoll li mir-residenza ta' Hare ma insteraq xejn. Kif jixhed PS 430 Andrew St John *"Ma kien ittiehed xejn mhux a prepozitu il-ghaliex ma kien hemm xejn in se pero fost it-taqlib kien hemm xi flus illi indifnu qalb it-taqlib stess."*[7] Gie stabbilit li l-valur tal-flus li kellha l-vittma u li indifnu fit-taqlib kien dak ta' elfejn ewro (€ 2,000) li kienu qeghdin f'envelope.

Jonqos ghalhekk li jigi stabbilit jekk l-attentat ta' serq sfrattax minhabba li kien hemm ripensament tal-imputat (il-*voluntary desistance*) jew inkella kienx hemm cirkostanzi li kienu indipendenti mill-volonta tal-istess imputat u li wasslu sabiex ir-reat ma giex kompletat.

Il-kwistjoni dwar il-*voluntary desistance* tal-imputat giet sollevata fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza kif wkoll fit-trattazzjoni verbali li saret quddiem din il-Qorti. Pero' fuq din il-linja difensjonali ma ingabu l-ebda provi u s-sottomissjonijet u t-trattazzjoni tal-Avukat difensur ma jistghux jaghmlu tajjeb ghal din il-karenza ta' provi. Il-Qorti fliet bir-reqqa c-cirkustanzi kollha tal-kaz u ma sabet l-ebda hjiel li seta kien hemm xi ripensament volontarju da parti tal-imputat u li konsegwenza ta' hekk dan waqaf mill-agir kriminali tieghu. Scerri harab b'idu f'idu ghaliex ma sabx flus peress li dawn waqghu u inhbew fit-taqlib li ghamel huwa stess. Dan gara ad insaputa tal-istess imputat. Il-flus jidher li spiccaw taht il-gwardarobba.[8] Infatti ghall-ewwel ir-rapport gie registrat bhala serqa peress li Hare kienet sabet dawn il-flus neqsin. Kien sussegwentement li inbidel ghall-attentat ta' serq wara li l-flus instabu mill-vittma fit-taqlib.

[7] Fol. 133 tal-process.
[8] Ara okkorrenza a fol 17 tal-process.

**Dan kollu ma jinkwadra assolutament xejn fit-tezi tal-imputat li kien hemm *voluntary desistance* da parti tieghu**. Kif jispjega l-Mamo fin-noti tieghu: *"an attempt is abandoned when the agent desists either out of repentance, that is to say a change of mind brought about by returning good feeling, or because of the fear of punishment, or of sudden pity for the victim, or of the good advice of a third party, or of any other cause which does not, however, amount to an "impediment" to the further execution or the completion of the crime."* Dak li wassal sabiex is-serqa ma gietx kompletata kienet raguni wahda biss: il-fatt li ma instabux oggetti ta' valur jew flus. Dan kien l-impediment u mhux ghax kien hemm xi ripensament da parti tal-imputat jew xi cirkostanza ohra identifikata mill-Mamo li taqa' fil-parametri tal-*voluntary desistance*.

Fit-trattazzjoni verbali taghha, id-difiza targumenta li dan huwa kaz ta' *voluntary desistance* ghaliex jekk ried l-imputat seta' jkompli jqalleb. Kif pero' jghidu l-Inglizi, id-difiza *is missing the wood for the trees*. Il-Qorti tapprezza li d-difiza taghzel li tidhol f'argumenti legali validi u anke ggieghel lill-gudikant li jirrifletti aktar biex jasal ghal gudizzju. Id-difiza mhux qed taghmel id-distinzjoni bejn l-attentat inniffsu u n-nuqqas ta' repetizzjoni tal-attentat. Kif jghid tajjeb il-Mamo fin-noti tieghu: *"One can speak of 'desistance' when, apart from the act or acts already done, other acts would still be required to be done by the agent. When, on the contrary, the agent has done the act or the whole of the series of acts which could normally consummate the crime but the consummation of this has been prevented by an accidental cause independent of his will, one can no longer speak of desistance but only of non-repetition if the agent refrains from returning to the attack."* In

sostenn ta' dan l-argument Mamo jaghti dan l-ezempju: *"A man who has attempted to kill another by shooting at him with a gun loaded with a deadly charge will not be exempt from punishment merely because the first shot having accidentally missed, he does not fire a second shot. Otherwise – Maino thinks – most criminal attempts would remain unpunished."*[9]

**Fil-kaz in dizamina ma kien hemm l-ebda atti ulterjuri li kienu mehtiega biex issir is-serqa. It-taqlib fid-dar kien sar. Pero' mit-tiftix li sar ma kien instab xejn. Li kieku l-imputat rega' kompla jqalleb kien sempliciment jkun qieghed jerga' jirrepeti l-attenat, xejn aktar u xejn anqas.**

Id-difiza tal-*voluntary desistance* ghalhekk ma tistax tirnexxi.

Apparti minn hekk kieku sehh l-attentat ta' serq dan kien se jkun kwalifikat u mhux serq semplici. Kien sejjer ikun kwalifikat: (a) bil-mezz ghax fil-verita sar sgass fir-residenza; (b) bil-lok ghaliex kien sejjer ikun minn post ta' residenza; (c) bil-valur ghaliex l-ammont li seta' insteraq kien aktar minnn mitejn u tnejnu tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94). Fil-fatt Hare kellha mill-anqas elfejn ewro (€ 2,000) fid-dar taghha li fortunatament ma instabux.

Din l-ewwel imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ippruvata sal-grad li trid il-ligi.

[9] Mamo A., Notes on Criminal Law, Vol. I, pg 120.

**L-Imputazzjoni dwar ir-Ricediva**

L-imputazzjoni dwar ir-ricediva wkoll giet ippruvata sal-grad li trid il-ligi. Is-sentenzi li gew prezentati in atti ( u li huma kollha awtentikati) kollha jirreferu ghall-imputat odjern u dan jista' jigi facilment stabbilit mill-konnotati tieghu li jinsabu indikati fit-tlett sentenzi esebiti. Rigward is-sentenza prezentata u moghtija mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli hemm zball fil-karta tal-identita tal-imputat. Pero l-konnotati l-ohra kollha jaqblu u m'hemmx dubju li din is-sentenza wkoll qeghda tirreferi ghall-istess imputat. Mill-provi prodotti irrizulta wkoll li ghadu m'ghaddiex it-terminu impost mil-ligi biex l-akkuza tar-ricediva ma tirrizultax.

**L-Imputazzjoni li l-Imputat Kiser il-Kundizzjonijiet tal-Liberta Provizorja**

Din l-akkuza wkoll giet pienament ippruvata. Gew prezentati tlett digrieti relattivi għall-għoti tal-helsien mill-arrest. Minn dawn id-digrieti jirrizulta bl-aktar mod car li l-imputat kien intrabat li *"ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest."* Huwa car li bis-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest tieghu. Il-Prosekuzzjoni tellghet jixhdu lill-ufficjali Prosekuturi li qeghdin jiehdu hsieb il-kazijiet fejn l-imputat inghata l-helsien mill-arrest. Dawn l-ufficjali Prosekuturi ikkonfermaw li l-imputat odjern huwa l-istess imputat li ghalih jirreferu l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li gew citati kif wkoll ikkonfermaw li l-istess kundizzjonijiet ghadhom in vigore. Il-Qorti se issib htija tal-ksur

tad-digriet tas-sitta (6) ta' Settembru 2010 moghti mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit dak tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2010 mill-Magistrat illum Imhallef Edwina Grima u d-digriet tat-tlieta (3) ta' Novemru 2014 moghti mill-Magistrat Dr Josette Demicoli.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax wkoll li l-atteggjament tal-imputat li ma josservax kundizzjonijiet li gew imposti fuqu huwa turija mhux biss ta' nuqqas ta' rispett lejn l-istess Awtorita izda fih inniffsu huwa messagg li l-istess imputat qieghed iqis ruhu 'l fuq mil-ligi u li jista jaghmel li jrid u li hadd ma jista' ghalih. Dan assolutament mhux accettabbli. F'socjeta demokratika fejn kullhadd huwa sudditu tal-ligi u fejn is-saltna tad-dritt trid tigi rispettata, dan l-atteggjament mhux u ma jistax jkun permessibbli. Jekk kulhadd jadotta l-istess atteggjament tal-imputat u kulhadd jibda jaghmel li jrid, nispiccaw nghixu go gungla u tinqered l-fibra tal-ordni socjali tas-socjeta. Dan kollu sejjer jittiehed mill-Qorti fl-ikkalibrar tal-piena.

Din il-Qorti taghmilha cara li l-kundizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tigi moghtija l-liberta' provizorja ghandhom dejjem jigu osservati *ad litteram* u skrupolozament u ma ghandux jinghata lok ghal kavillar zejjed fl-interpretazzjoni taghhom meta jkunu cari w kategorici, kif inhuma l-kundizzjonijiet tad-digrieti fuq imsemmija fejn l-imputat kien obbligat li ma jaghmilx reat iehor waqt iz-zmien ta' helsien mill-arrest.

Fejn tidhol il-piena li ghandha tigi imposta meta jkun hemm tali ksur, din hija stabbilita fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-

artikolu jaghmilha cara li l-piena applikabbli hija dik *"... ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta."*

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)[10], 49, 50, 261(b), (c) (e), 263 (a), 267, 269(g), 278(3)[11], 289[12], 533, 579(1), (2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda issib lill-imputat Christopher Scerri hati tal-imputazzjonijiet kollha li gew addebitati fil-konfront tieghu u qieghda:

(a) In kwantu għall-kaz li wassal ghal dawn il-proceduri tikkundannah ghal tliet snin prigunerija;

(b) in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' htija li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja moghtija lilu bid-digrieti tas-sitta (6)

---

[10] Artikolu 41. (1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel delitt juri dan il-ħsieb b'atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jeħel, meta jinsab ħati, barra minn meta l-liġi tgħid espressament xort'oħra, -
(a) jekk id-delitt ma jkunx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, il- piena stabbilita għad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew żewġ gradi;

[11] Artikolu 278. (3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha.

[12] Artikolu 289. (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is- sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

ta' Settembru 2010, tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2010, u digriet tat-tlieta (3) ta' Novemru 2014 moghti mill-Magistrat Dr Josette Demicoli il-Qorti, wara li rat l-artikolu 579(2) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tikkundannah ghal sena prigunerija;

B'kollox ghal **erba' (4) snin prigunerija effettiva**.

Il-Qorti qieghda tilqa' wkoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tirrevoka d-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati sitta (6) ta' Settembru 2010, tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju 2010 u tat-tlieta (3) ta' Novemru 2014 moghtija mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit, mill-Magistrat illum Imhallef Dr Edwina Grima u mill-Magistrat Dr Josette Demicoli rispettivament fejn l-imputat kien inghata l-liberta provizorja u tordna r-rijarrest immedjat tal-imputat filwaqt li tordna li s-somom ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) moghtija bhala depositu u s-somom ta' hamsa u tletin elf ewro (€30,000) moghtija bhala garanziji personali, b'kollox ghalhekk tlieta u hamsin elf ewro (€53,000) depozitu ta' elf ewro (€1,000) u garanzija personali ta' hmistax il-elf ewro (€15,000) u garanzija personali ta' hamest elef ewro (€5,000) id-digrieti fuq imsemmija, li huma parti mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-**arrest b'kollox erbgha u sebghin elef ewro (€74,000)** jghaddu favur l-Gvern ta' Malta immedjatament.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat Christopher Scerri sabiex a tenur tal-aritkolu 533 tal-Kodici Kriminali ihallas l-ammont totali ta' tnax -il ewro u tmienja u erbghin centezmu (€12.84) rapprezentanti spejjez ta' esperti li gew inkorsi fil-proceduri odjerni.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**